MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2013

Appell Civili Numru. 42/2010/1

**Jean Pierre Sant**

**v.**

**Direttur Generali VRFCC**
**[Veterinary Regulation and Fisheries Conservation and Control], Ministeru Ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali,**
**Prim Ministru u Kummissjoni Servizz Pubbliku**

## Preliminari

1. Dan hu appell maghmul mir-rikorrent minn sentenza moghtija fil-11 ta’ Dicembru 2012 mill-Prim’ Awla tal-Qorti

Civili, fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, li permezz taghha dik il-Qorti laqghet it-tieni eccezzjoni preliminari tal-intimati – bl-eskluzjoni tal-Kummissjoni Servizz ghall-pubbliku – u b'hekk iddeklinat milli tezercita s-setgha taghha ai termini tal-proviso tal-Artikolu 46 [2] tal-Kostituzzjoni ta' Malta, bl-ispejjez a kariku tar-rikorrent.

2. Fir-rikors tal-appell tieghu, ir-rikorrent qed jitlob li din il-Qorti tirrevoka l-imsemmija sentenza u tordna l-prosegwiment tas-smigh tal-kawza fuq il-mertu, *"stante li kif jirrizulta mid-dokumenti esebit b'mod partikolari Dok.D l-esponenti appellant, kuntrarjament ghal dak li jinghad fis-sentenza, ezawrixxa r-rimedji kollha a dispozizzjoni tieghu qabel ma intavola l-proceduri odjerni.."*

3. Rat ir-risposta kongunta tal-intimati Direttur Generali, Ministru u Prim Ministru, li biha u ghar-ragunijiet indikati fl-istess risposta, qed jitolbu li l-appell jigi michud, u li s-sentenza appellata tigi konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrent.

4. Rat ir-risposta tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, li biha u ghar-ragunijiet hemm indikati, qed titlob li l-appell jigi michud bl-isepjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrent.

**<u>Il-Rikors Promotur</u>**

5. Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri gew sufficjentement esposti fis-sentenza appellata li, fil-parti relevanti taghha taqra hekk:

"1. Illi r-rikorrenti kien ilu jokkupa l-grad ta' "*Fisheries Protectin Officer*" fi hdan id-Dipartiment tas-servizzi veterinarji sa mill-2003;

"2. Illi fit-18 ta' Novembru, 2008, kienu ttiehdu passi kriminali kontra l-kaptan ta' dghajsa Spanjola li kien qed jistad fl-ibhra Maltin;

"3. Illi kienet giet sekwestrata l-qabda tal-hut bl-imsemmija dghajsa, izda stante li d-Dipartiment koncernat ma kellux friza adegwata, kien hemm il-periklu serju ta'

hsara rriversibbli ta’ l-istess qabda principalment konsistenti f’”*king prawns*”;

“4. Illi ghar-ragunijiet indikati fir-rikors promotur, ir-rikorrenti zamm il-qabda ta’ “*prawns*” de quo fil-friza tal-istess skuna Spanjola msemmija;

“5. Illi l-qorti kompetenti hemm ukoll riferita ordnat ir-rilaxx tal-iskuna de quo bil-konsenja tal-hut b’kollox;

“6. Illi d-Direttur Generali kkoncernat ta struzzjonijiet biex il-konsenja de quo tinbiegh minghajr ma kien debitament awtorizzat;

“7. Illi l-qorti fuq riferita ma kinitx ordnat il-konfiska tal-hut *de quo*;

“8. Illi d-Dipartiment koncernat zamm lir-rikorrenti odjern responsabbli ghan-nuqqas ta’ bejgh tal-hut *de quo*;

“9. Illi r-rikorrenti oppona din l-allegazzjoni vantata kontra tieghu;

“10. Illi l-impjieg tar-rikorrenti gie terminat mill-Prim Ministru fuq parir tal-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku b’ittra datata l-20 ta’ Lulju, 2009;

“11. Illi r-rikorrenti jhoss li l-procedura adottata fil-konfront tieghu hi munita b’nuqqasijiet procedurali serji u ghalhekk hi nulla, stante li nkiser il-principju “*nemo iudex in causa propria*”;

“12. Illi ghalhekk il-passi mehuda kontra r-rikorrenti huma ngusti u msejsa fuq premessi hziena biex josturaw nuqqasijiet departimentali;”

6. Illi fit-talbiet tieghu, ir-rikorrent talab li jinghata r-rimedji opportuni kollha biex jigu protetti d-drittijiet fondamentali tieghu, u konsegwentement din il-Qorti [1] tiddikjara d-decizjoni tat-tkeccija tieghu bhala nulla u bla effett; [2]

tordna li r-rikorrent jigi ri-integrat fl-istess grad ta’ impieg li kellu; [3] tordna wkoll li jinghata l-paga b’lura mid-data tat-tkeccija flimkien mal-beneficcji kollha mitluba.

7. Fit-tieni eccezzjoni tal-intimati fuq indikati, gie eccepit li dik il-qorti ghandha tirrifjuta li tezercita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha ai termini tal-Artikolu 46 [2] tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, stante li r-rikorrent ma ezawrixxiex ir-rimedji ordinarji li kienu disponibbli ghalih skont il-ligi.

**Is-Sentenza Appellata**

8. L-ewwel qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet.

“…………………… omissis……………………

“Illi d-decizjoni odjerna hi ghalhekk wahda preliminari rizervata ghall-ewwel zewg (2) eccezzjonijiet sollevati mill-intimati senjatament:

“1. Illi r-rikorrenti m’ezawriex ir-rimedji ordinarji lilu spettanti qabel ma ntrapprenda l-procedura odjerna:

“2. Illi l-Ministru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali u l-Prim Ministru ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju ghaliex estranei ghall-akkadut;

“Ikkunsidrat:

“Illi in effetti l-istess l-ewwel eccezzjoni preliminari ghandha portata ferm importanti stante li jekk tirrizulta u tkun akkolta, kuntrarju ghat-tieni ecezzjoni li takkompanjaha, teffettwa naturalment l-andament tal-procedura kollha;

“Illi fir-rigward ta’ l-ewwel eccezzjoni de quo jirrizulta sintetikament is-segwenti:

“1. Illi l-Bord tad-Dixxiplina in dizamina ddecieda l-vertenza in meritu fis-7 t’April, 2009;

“2. Illi rizultat tal-istess ir-rikorrenti ghamel petizzjoni lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku;

“3. Illi l-istess Kummissjoni riferita fil-paragrafu precedenti ffinalizzat il-kaz bir-rakkomandazzjoni taghha datata l-20 ta’ Lulju, 2009;

“4. Illi wara l-ezitu riferit fil-paragrafu precedenti jirrizulta li r-rikorrenti ghadda biex jintavola mill-ewwel il-procedura in dizamina;

“Ikkunsidrat:

“Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrenti in effetti ppregudika l-pozizzjoni tieghu irrimedjabbilment billi naqas juzufruwixxi minn din il-possibilita` u jintavola appell mid-decizjoni tal-Bord Dixxiplinarju fuq riferit, bi pregudizzju ghad-drittijiet lilu spettanti;

“Illi kif gie ritenut fil-kawza Buxom Poultry Limited vs Kummissarju ta’ l-Artijiet tal-15 ta’ Dicembru, 2010:

“ … ir-rimedju kostituzzjonali …” (hu wiehed) li … “wiehed jirrikorri (ghalih) fejn ma jkunx jista’ jintalab u jinghata rimedju xieraq b’mod iehor …” u min jonqos ma jistax jikseb l-istess rimedju minn din il-qorti;

“Illi ghalhekk kif dejjem u b’mod kostanti gie ritenut minn dawn il-qrati, dawn m’ghandhomx ikunu rinfaccati b’kawzi li setghu jitressqu quddiem qrati ohra kompetenti li setghu facilment jipprezentaw rimedju effettiv;

“Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-fatt li r-rikorrenti ddesista mir-rimedju normali lilu spettanti wara l-ewwel intopp li sab u flok ippersegwixxa r-riezami ta’ l-ewwel decizjoni mehuda kontra tieghu ipprecipita l-azzjoni odjerna ntempestivament biex jippersegwixxi rimedju kostituzzjonali – liema rimedju hu ghalhekk wiehed intempestiv, kontroproducenti w inutili;

“Illi ghaldaqstant din il-qorti qed takkolji din l-ewwel risposta preliminari sollevata mill-intimati u tiddikjara li l-azzjoni ntrapriza mir-rikorrenti hi ghalhekk intempestiva stante li m’ezawriex ir-rimedju ordinarju;

"Rat l-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ghar-ragunijiet fuq esposti allura qed tiddikjara li qed tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha stante li sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat kienu disponibbli lir-rikorrenti skont il-ligi u hu liberament ghazel li ma jisfruttahomx;

"Illi stante li ghalhekk it-tieni eccezzjoni preliminari hi allura superfluwa u superata, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-istess;

"Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti Jean Pierre Sant."

**L-Appell**

9. Illi r-rikorrenti qed jibbaza l-appell tieghu fuq tlett aggravji: [1] li l-proceduri ta' appell amministrattiv gew ezawriti kollha; [2] li hemm vjolazzjoni tal-principju *nemo judex in causa propria*; [3] li d-diskrezzjoni li ghandha l-ewwel Qorti kellha tintuza favur il-prosegwiment tal-proceduri li huma ta' natura kostituzzjonali.

*L-ewwel aggavju*

10. Dan hu fis-sens li l-ewwel qorti ghamlet apprezzament erroneju tal-provi fir-rigward, meta waslet ghad-decizjoni taghha li ma tezercitax is-setgha kostituzzjonali taghha. Jghid:
"Illi minn ezami akkurat ta' dok.D esebit jirrizulta li l-proceduri ta' Appell Amministrattiv gew ezawriti kollha u ma hemmx qorti ohra ta' referenza hlief il-Prim' Awla tal-Qorti Civili, sede kostituzzjonali, kif attwalment gew imposti dawn il-proceduri, u dan billi l-PSC hija Korp Kostituzzjonali. Ir-regoli tieghu huma emanenti mill-Kostituzzjoni u l-ksur lanjat huwa wiehed kostituzzjonali."

11. Fl-ewwel lok din il-Qorti tosserva li l-fatt li l-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku hija korp imwaqqaf bil-Kostituzzjoni ma jwassalx awtomatikament ghall-konkluzjoni li materja li tirrigwarda dan il-korp necessarjament ghandha tigi vestita mill-qrati

b'gurisdizzjoni kostituzzjonali, kemm-il darba jkun hemm rimedju ordinarju xieraq, effettiv u adegwat ghall-ilment tar-rikorrent. Prorpju ghalhekk li l-proviso tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jaghti diskrezzjoni lill-qrati ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali s-setgha li jiddeklinaw milli jezercitaw is-setgha taghhom jekk ikun hekk desiderabbli.

12. Id-diskrezzjoni li ghandha l-Qorti f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrett u fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja sabiex, min-naha wahda, il-qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jkunux rinfaccjati b'kawzi li messhom jew setghu tressqu quddiem qrati ohrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setghu jfittxu rimedji ohrajn effettivi, u min-naha l-ohra sabiex persuna ma tkunx imcahhda mir-rimedji li ghandha jedd tfittex taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Konvenzjoni [*ara Q.Kos.* ***Stacey Spiteri v. Direttur tar-Registru Pubbliku****, 27 April 2012; u Q.Kos.* ***Claudine Desira et v. Direttur tar-Registru Pubbliku****, 28 September 2012*]

13. Ferm il-premess, din il-Qorti ser tghaddi sabiex tezamina l-punt jekk, fic-cirkostanzi, l-ewwel qorti uzatx id-diskrezzjoni taghha korrettament, jew inkella kienx hemm ezercizzju manifestament hazin, li jista' jwassal sabiex ir-rikorrent isofri ingustizja, partikolarment f'dan il-kaz, li jirrigwarda t-terminazzjoni tal-impieg tar-rikorrent.

14. Il-ligi relevanti ghal materja in dizamina hija l-Avviz Legali numru 186/1999 li jippreskrivi r-regoli procedurali f'kaz ta' proceduri dixxiplinari li jistghu jwasslu ghat-tkeccija tal-impieg ta' ufficjal pubbliku.

15. Skont dan l-avviz legali fil-kaz li Kap ta' dipartiment isir jaf li ufficjal tad-dipartiment tieghu jista' jkun hati ta' mgieba hazina jew ksur ta' dixxiplina, ghandu jwaqqaf Bord ta' Dixxiplina[1] sabiex jinvestiga l-kaz u jaghmel rapport dwar ir-rizultanzi tieghu, liema rapport sussegwentement jintbghat lill-istess Kap tad-Dipartiment koncernat[2]. Fil-kaz li l-akkuzi jistghu jwasslu ghat-

[1] Reg.20
[2] Reg.25

tkeccija, il-Kap tad-Dipartiment jibghat kopja tar-rapport lill-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku[3] li, min-naha taghha, wara li tezamina r-rapport tal-Bord u tisma' lill-istess Kap tad-Dipartiment u lill-ufficjal akkuzat, taghmel ir-rakkomadazzjoni taghha lill-Prim Ministru.

16. L-ufficjal pubbliku koncernat ghandu dritt ta' appell[4] lill-Kummissjoni fi zmien ghaxart ijiem utli mid-decizjoni tal-Kap tad-Dipartiment. F'dan il-kaz, huwa ghandu jibghat l-atti kollha tal-kaz lill-Kummissjoni li, wara li tezamina d-dokumenti kollha u taghti lill-istess Kap u lill-Kummissjoni l-opportunita` li jaghmlu sottomissjonijiet orali, taghmel ir-rakkomandazzjonijiet taghha lill-Prim Ministru.

17. Ir-regolament 33, li qieghed fil-parti ntestata "**Appelli minn Decizjonijiet Dixxiplinari u Revizjoni ta' Rakkomdandazzjonijet li jkunu saru mill-Kummissjoni"** fil-parti relevanti tieghu jghid hekk:

"[1] Kull min hu jew kien ufficjal pubbliku u gie kastigat taht dawn ir-regolamenti jew taht ir-regolamenti ta' 1977 jista' jitlob lill-Kummissjoni b'petizzjoni sabiex din tirrevedi l-kaz tieghu bil-ghan li tigi revokata jew emendata r-rakkomandazzjoni li l-Kummissjoni tkun ghamlet kontrih.

…………………

"[4] Il-Kummissjoni tista' tippermetti revizjoni tal-kaz jekk, fid-diskrezzjoni taghha, tkun sodisfatta li *prima facie* kien hemm kaz ta' nuqqas ta' osservanza serja tar-regolamenti tad-dixxiplina jew li jkun sar nuqqas gravi fit-twettiq tal-gstizzja li jirrizulta fi vjolazzjoni ta' gustizzja naturali jew ta' drittijiet fundamentali."

18. Fil-kaz in dizamina rrizulta li, wara li r-rikorrent gie notifikat bid-decizjoni tat-terminazzjoni tal-impieg tieghu, mehuda fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, huwa pprezenta petitzzjoni lill-istess Kummissjoni sabiex

[3] Reg.26[2]
[4] Reg.30

tirrevedi ai termini tal-Artikolu 33 [1] fuq citat, izda, kif jirrizulta mid-dokument D – li kopja tieghu giet prezentata mir-rikorrenti fil-mori tal-appell odjern – din il-petizzjoni kellha ezitu negattiv fis-sens li l-Kummissjoni, wara li indikat ir-regolament 33[4] fuq citat, waslet ghall-konkluzjoni li l-kaz m'ghandux jigi rivedut.

19. Fir-rigward, huma opportuni zewg konsiderazzjonijiet:

[19.1] li, ghalkemm fir-rikors promotur kien hemm referenza ghall-imsemmi dokument D, dan ma jirrizultax li kien materjalment inserit fil-process, izda minkejja dan, l-ewwel qorti accettat bhala provat il-fatt allegat mir-rikorrent li hu kien fil-fatt ipprezenta petizzjoni wara r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni;

[19.2] li, fil-fehema ta' din il-Qorti, gjaldaraba l-Kummissjoni kienet ghamlet ir-rakkomandazzjoni tat-tkeccija mis-servizz pubbliku tar-rikorrenti, u gjaladarba dan segwa din id-decizjoni billi pprezenta petizzjoni lill-istess Kummissjoni sabiex din tirrivedi l-kaz tagha, allura difficilment jista' jinghad li dan ma ezawriex ir-rimedji ordinarji disponibbli ghalih, ghax ma appellax skont l-Artikolu 30 [1], u dan peress li d-dritt ta' appell lill-Kummissjoni, kontemplat f'dan l-artikolu jezisti biss kontra decizjoni ta' sejbien ta' htija u l-impozizzjoni tal-piena mill-Kap tad-Dipartiment, u mhux f'kaz ta' terminazzjoni ta' impieg mill-Prim Ministru fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni. Dan ir-regolament fil-parti relevanti tieghu jaqra hekk *"[1] Ufficjal pubbliku jkollu l-jedd ghal appell lill-Kummissjoni skont dan ir-regolament kontra konkluzjoni ta' htija u ta' kull piena korrispondenti li <u>tigi imposta mill-Kap tad-Dipartiment</u> f'xi wahda minn dawn ic-cirkostanzi li gejjin: …"*[5].

20. Illi, ghal dak li jirrigwarda r-rimedju tal-istharrig amministrattiv regolat bl-artikolu 469A tal-Kap.12, indikat mill-Kummissjoni fir-risposta taghha ghall-appell odjern, u li skont il-Kummissjoni jista' jkun applikabbli f'certu kazijiet, din il-Qorti, filwaqt li taghmel referenza ghal dak li

[5] Sottolinear tal-Qorti

jghid is-sub inciz 4 tal-istess artikolu, tosserva li, fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz jidher li dan l-artikolu mhux applikabbli peress li l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar l-att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal gie provdut dwaru b'ligi ohra, cioe` bir-regolament tal-PSC.

21. Ghaldaqstant l-ilment tar-rikorrent li l-ewwel qorti uzat id-diskrezzjoni taghha b'mod manifestament zbaljat, huwa gustifikat, *multo magis*, meta kif fuq gja indikat, dan huwa kaz ta' tkeccija tieghu mill-impieg.

22. Illi, fic-cirkostanzi, gjaladarba dan l-aggravju jirrizulta fondat, mhux il-kaz li jigu ezaminati l-aggravji l-ohra

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' l-appell tar-rikorrent, u tirrevoka s-sentenza appellata, u tordna li l-atti jigu rinvjati lill-ewwel Qorti ghall-prosegwiment tal-kaz.

L-ispejjez taz-zewg istanzi jkunu a kariku tal-intimati in solidum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------